# Palazzo Fremaux

## kitba ta' Rachel Debattista D.L.I.S (Melit.)



Mixja interessanti li ħaditni fl-inħawi ta' wara s-Suq, wasslitni fi Triq Santa Katerina, triq kemmxejn twila li tieħdok proprju sal-inħawi tal-fabbriki ta' Bulebel filwaqt li twasslek sar-raħal ta' Ħal Tarxien. Sewwasew fil-bidunett ta' din it-triq insibu binja kbira moderna, f'għamla ta' villaġġ żgħir magħmul min-numru ta' appartamenti mqassma fuq tliet sulari. Dawn l-appartamenti kollha jagħtu għal fuq pjazzetta mdaqqsa fejn taħt il-binja nsibu wkoll numru ta' garaxxijiet.

Proprju minflok din il-binja moderna, kienet tinsab dar kbira li kienet iġġib l-isem ta' Palazzo Fremaux, jew kif ukoll insibuha dokumentata, Villa Fremaux jew Villa de Fremaux. Din id-dar maestuża u bi storja kbira, kellha rwol importanti fl-istorja taż-Żejtun.

Din il-proprjetà kienet il-villeġġjatura tal-Konti Agostino u l-Kontessa Pawla Formosa de Fremaux. Il-Konti kien jagħmel parti min-nobiltà Maltija, u kien iġib it-titlu ta' Santa Sofia, iżda kif ġab dan it-titlu jibqa' ta' kurżità' kbira. Missieru, Federico Antonio Formosa ma kienx iġib la 'de Fremaux' ma' kunjomu u lanqas it-titlu ta' Konti. Jidher li de Fremaux kien wieħed min- nobbli Maltin li kienu favur il-ħakma tal-Franċiżi fuq Malta.

Fis-seklu tmintax kienet inxterdet ġmielha l-mazunerija fost il-Franċiżi u nobbli Maltin, u mid-dokument 'Processo Lante' tas-sena 1776 ta' żmien l-Inkwiżizzjoni, insibu li de Fremaux kien ilu attiv sa mis-sena 1756 mal-Franċiżi. Naraw li l-Konti de Fremaux kien ukoll ġie nnominat mill-Granmastru de Rohan bħala konslu tar-Russja, il-Belġju u l-Prussja, u fi żmien il-Granmastru Ferdinand von Hompesch kien saħansitra Konslu tal-Olanda.

Fiż-żmien l-Imblokk tal-Franċiżi (1798 -1800) il-Maltin qamu f'rewwixta qalila kontra il-ħakma Franċiża, fejn naraw li l-Maltin kienu megħjuna mit-truppi Naplitani u dawk Ingliżi. It-truppi Ingliżi li żbarkaw ġewwa l-port ta' Marsaxlokk, waqqfu l-kwartieri tagħhom fiż-Żejtun u fl-irħula tal-madwar. Iż-Żejtun kien f'żona strateġika għad-difiża tal-port ta' Marsaxlokk. Peress li ħafna mis-suldati Franċiżi ngħalqu ġewwa l-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Kottonera, iż-Żwieten, flimkien ma' raħħala tal-viċin, kienu ngħaqdu u ġġieldu bis-sħiħ kontra l-Franċiżi.

Fil-bidu tal-Imblokk tal-Franċiżi, f'Ottubru tas-sena 1798, il-Viċi Ammiral Horatio Neslon, kien ta l-kmand tat-truppi Ingliżi lill-Kaptan Alexander Ball, u proprju fi Frar tas-sena 1799 il-Kaptan Ball kien inħatar ukoll bħala l-kmandant tal-gżejjer Maltin.

It-taqbida kontra l-Franċiżi kienet qalila, u f'qasir żmien ġewwa gżiritna kien hawn nuqqas sew fil-provvista tal-ikel, u bħal ma jseħħ f'kull gwerra jew battalja oħra, l-ammont ta' midruba beda kull ma jmur jiżdied. Kienet ukoll tfaċċat epidemija qerrieda fuq gżiritna u nsibu li ċertu Żejtuni Clement Mifsud Bonnici kien għamel dijanjożi ta' din il-marda li qatlet ħafna persuni, fosthom suldati Ingliżi u Franċiżi. Bosta ħasbu li kienet tifu jew malarja, iżda qatt ma ġie konkluż x'kienet u minn fejn setgħet żviluppat. Li nafu żgur li n-nuqqas ta' ikel, ikel ħażin, għejja, ħmieġ u l-faqar, żgur ma għenux. Il-Maltin li kienu jabitaw fil-kampanja kienu l-aktar li ntlaqtu minn din l-epidemija, u fost is-suldati tat-truppi Ingliżi, minbarra il-midruba, kien hemm ukoll ammont maħkuma minn din l-epidemija, li bdiet tinfirex ġmielha fi gżiritna. Is-sitwazzjoni kienet waħda mwiegħra u l-kmandanti Ingliżi raw kif għamlu biex iduru bil-morda u l-midruba. Fost dawk li ħadu ħsieb il-kura tal-pazjenti u l-midruba nsibu lill-Brigadier Ġenerali Thomas Graham li kien kmandant tar-reġiment Ingliż numru tletin u li kien stazzjonat ġewwa ż-Żejtun.

Il-Brigadier Ġenerali Graham kien wera l-bżonn li jinstab post kbir fiż-Żejtun sabiex jintuża bħala sptar ġenerali. Fis-17 ta' Lulju 1800 il-Kaptan James Vivion, uffiċjal ta' dan Graham, kif ukoll inkarigat mill-ħlas u razzjonijiet tat-truppi Ingliżi, kien talab l-għajnuna tal-qalbieni Michele Cachia, arkitett, politiku u patrijott Żejtuni, sabiex isiblu binja biex isservi ta' sptar għar-reġiment tal-Artillieri Ingliżi li kienu spiċċaw morda u midruba waqt il-ġlied.

Dak iż-żmien il-kappella l-qadima ta' San Girgor kienet qiegħda diġà tintuża bħala sptar, għas-suldati Maltin, iżda peress li l-feruti u dawk morda Ingliżi, Maltin u Naplitani kienu ħafna, Cachia kien għażel iż-żewġ villeġġjaturi li kienu jinsabu fiż-Żejtun, dik tal-Konti de Fremaux li tinstab fi Triq Marsaxlokk, u li llum iġġib l-isem ta' Villa Arrigo, u Palazzo Fremaux.

Interessanti li wieħed jaħseb naqra dwar ir-raġuni l-għaliex ġew irrekwiżizzjonati ż-żewġ propjetajiet tal-Konti de Fremaux, sabiex jintużaw bħala sptarijiet. Dan l-att iġiegħlek taħseb li d-deċiżjoni ttieħdet bħala tpattija kontrih minħabba l-konnessjonijiet li kellu mal-Franċiżi. F'qasir żmien l-okkupanti tad-djar kellhom jitilqu mill-proprjetà peress li aktar suldati Ingliżi feruti fuq l-art tal-battalja kienu qed jirrikorru għall-kura, kif ukoll żdiedu fosthom dawk il-milquta bl-epidemija.

Il-kirurgu Alexander Jamieson li kien fuq it-tobba tar-reġimenti Ingliżi tal-isptarijiet fi żmien l-Imblokk tal-Franċizi f'Malta, serva bħala tabib fl-isptar ġenerali taż-Żejtun. Miegħu kellu bosta ħaddiema oħra f'dan l-isptar, fosthom, il-kirurgu Edward Tegar, l-ispiżjar W. May, Joseph Gunson, inkarigat mill-bżonnijiet tal-isptar u l-pazjenti, u l-assistenti, Norman, Anderson u Stalker. Insibu wkoll lit-tabib Malti, Nicola Bezzina, li matul dan iż-żmien ħadem ukoll ġewwa l-isptarijiet fiż-Żejtun.

F'dikjarazzjoni tas-sena 1834, iffirmata minn Emanuel Ricaud, Giovanni Diacono u Giovanni Castagna, dawn tal-aħħar, ex-Kmandant u Deputat Kmandant tal-Battaljun fiż-Żejtun, jidher li Palazzo Fremaux kien ġarrab ħsarat kbar fiż-żmien li serva bħala sptar ġenerali. Uħud mill-ħitan twaqqgħu sabiex il-kmamar jikbru u jintużaw bħala swali. Insibu li anke il-ġnien tad-dar kienu sarulu xi ħsarat, fosthom inqatgħu s-siġar li kienu jinsabu fih. Jingħad li l-Maltin kienu daħlu f'din id-dar u serqu ħafna mill-oġġetti ta' valur li kienu proprjetà tal-Konti u l-Kontessa de Fremaux, u barra minn hekk, għamlu ħafna ħsara x'aktarx minħabba l-mibegħda kbira li kellhom lejn il-Konti Fremaux peress li kien żamm mal-Franċiżi meta dawn kienu qed joqtlu lill-Maltin.

Wara l-Imblokk tal-Franċiżi aktarx li d-dar ġiet issiġġilata u għamlet żmien mhux abitata. Żmien wara nsibu li din d-dar kbira u sabiħa, kienet tilfet sew mill-istruttura oriġinali tagħha u bilkemm baqgħet tingħaraf. Kienet ġiet maqsuma f'numru ta' djar żgħar u okkupata minn diversi familji. Iż-Żwieten għamlu żmien isibuha bħala d-dar tal-Gradenz. Dan għaliex għal żmien twil ġewwa fiha kien jgħix raġel li kien iġib dan l-istess laqam.

Instab ukoll, li fis-sena 1925 din id-dar ġiet inkluża mal-lista ta' djar antiki Maltin u meqjusa bħala ta' preġju. Fis-sena 1990 ħarġet applikazzjoni sabiex din id-dar titwaqqa', iżda b'intervent mid-Dipartiment tal-Mużewijiet il-permess ħareġ bil-kundizzjoni li tinżamm il-faċċata tad-dar. Madankollu, fis-sena 2003 ħareġ il-permess li titwaqqa' anke l-faċċata, u ż-Żejtun nistgħu ngħidu li tilef parti mill-istorja tiegħu.

Referenzi


Abela, J. Żmien il-Franċiżi - il-vilel ta' Agostino de Fremaux fiż-Żejtun (1798-1800). Retrieved from

British Army Medical Services and the Malta Garrison : 1799-1978. Medical officers of the Malta Garrison: 1800. Retrieved from

British Army Medical Services and the Malta Garrison : 1799-1978. Medical officers of the Malta Garrison: Jamieson, Alexander. Retrieved from

British Army Medical Services and the Malta Garrison: 1799-1978. The very long hiccup of the Army Medical Services in Malta. Retrieved from

Cassar, P. (1964). Medical History of Malta. London: Welcome Historical Medical Library.

Mifsud, A. (1907). Origine della Sovranita' Inglese su Malta. Malta: Tipografia del Malta.

Savona-Ventura, C. (1998). Human suffering during the Maltese Insurrection of 1978. In Frendo H. (Ed.), Storja '98. Malta: Malta University Historical Society.

Testa, C. (1997). The French in Malta, 1798-1800. Malta: Midsea Books.

Times of Malta. (2003). Zejtun Palazzo Fremaux's faÁade torn down. Times of Malta

Xuereb, C. (2014). France in the Maltese Collective Memory : perceptions, perspectives, identities after Bonaparte in British Malta. Malta: Malta University P.

Zahra, W. R. (1978). Il-Franċiżi. Storja taż-Żejtun u l-inħawi tiegħu. Malta: Għaqda Soċjo-Kulturali 'Wirt iż-Żejtun'.